# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Reuben Sacco**

**Seduta tal-VAT**

Illum, 15 ta`Jannar, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Reuben Sacco** imwieled fl-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988), gewwa Malta u residenti 35, Clover, Fl. 4, Triq Dun Karm Psaila, Zebbug, Malta detentur tal-karta tal-identita' numru 106988 M akkuzat talli.

Bhala bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, waqt laqgha li sehhet fil-**25 ta' Ottubru, 2022** gewwa **CFR Offices, Birkirkara, Malta ,** int jew impjegati tieghek jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghek, inqast li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register fiskali* jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinstab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond il-

kumpens lilek imhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti, 1,2,3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Joanna Gauci li pprezentat invoice Dok. JG, invoice Dok. JG 1, invoice Dok JG 2, invoice Dok JG 3, proof of payments Dok. JG 4 sa Dok. JG 7 u rapport Dok. JG8 fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2024;

Rat il-*letter to prosecute* tal-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana datata 19 ta' Ottubru, 2023 u d-dettalji tar-registrazzjoni mad-Dipartiment tal-VAT tal-imputat pprezentati in atti;

Rat li wara li xehedet Joanna Gauci u ma ezebietx xi dokumenti, hi u diehla Maria Lourdes Dimech il-prosekuzzjoni tatha dokumenti. F' dan ic-cirkostanzi l-Qorti mhux ser tisma' lil dan ix-xhud.

Rat li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2024;

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat il-partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax il- Skeda tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998, Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhiedha, d-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat

Provi tal-Prosekuzzjoni

**Joanna Gauci** , fil-kapacita' taghha ta' Revenue Inspector tal-Malta Tax and Customs Administration., xehedet fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2024.

Tixhed li kien wasal ghandhom allegazzjoni li saru xi xogholijiet ta' kostruzzjoni mill-imputat ammontanti ghal tnejn u erbghin elf ewro (€ 42,000) li ma kienitx inghatat ircevuta fuqha. F' dan ir-rigward kienu saru erba' pagamenti mill-klijenti li huma ta' sebat elef ewro (€ 7000) fil-15 ta' Lulju, 2021, ghaxart elef ewro (€ 10,000) datat 22 ta' Settembru, 2021, ghaxart elef ewro (€ 10,000) datata 9 ta' Dicembru, 2021, u hmistax il-elf ewro (€ 15,000) datata 2 ta' Frar, 2022. Il-bank transfers relattivi inghataw minn min ghamel l-ilment. Igifieri id-dipartiment kellu l-proof of payment. S-Sur Sacco ammetta maghhom li ma harigx dawn l-ircevuti u ntalab johrog ircevuta ta' tnejn u erbghin elf ewro (€ 42,000) u din l-ircevuta inharget bid-data ta' meta kellmuh. Ix-xhud ipprezentat sett ta' dokumenti li jikkonsistu f' invoices mahruga mill-imputat lil klijenti ( Dok. JG, Dok. JG 1. Dok. JG 2, Dok. JG 3.), Loan drawdown requests mill-klijenti a favur tal-imputat (Dok JG 4, Dok JG 5, Dok. JG 6, Dok JG 7 u rapport Dok JG 8.

Ikkunsidrat,

Il-Qorti tfakkar illi hawnhekk ninsabu fil-kamp penali u apparti li minn jallega irid jipprova, l-livell ta' prova li trid tilħaq id-difiża hija dik tal-probabbli, filwaqt li l-livell tal-Prosekuzzjoni hija livell għola u cioe' 'l hinn kull dubju dettat mir-raġuni. Huwa l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tipproduci l-ahjar prova.

Ikkunsidrat

Illi skont l-akkuza li l-imputat gie akkuzat talli "waqt laqgha li sehhet fil-**25 ta' Ottubru, 2022** gewwa **CFR Offices, Birkirkara, Malta ,** int jew impjegati tieghek jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghek, inqast li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register fiskali* jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, . .. .".

Illi waqt ix-xhieda tar-Revenue Inspector hija tixhed li d-dipartiment iriceiva ilment li l-imputat ma ghaddiex ircevuta tal-VAT ghal xogholijiet li thallas minn min kien qed jaghmel l-ilment u inghatat proof of payment tax-xogholijiet.

Illi ghalhekk mix-xhieda tal-istess rapprezentant jirrizulta li l-allegat reat ma sehhx fil-CFR offices, Birkirkara izda band' ohra.

Ikkunsidrat,

Illi dak li xehedet fuqu r-revenue inspector huwa dwar l-ilment li rcevew minn terzi persuni. Huma ma kienux prezenti meta sar l-allegat ksur tal-provvedimenti tal-ligi. Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Bradley Deguara (Appell Nru. 168/2023) fejn il-Qorti tal-Appell riferiet ghal sentenzi ohra in materja. Il-Qorti riteniet.

> "Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal Appell Kriminali (sede Superjuri) fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella et tat-30 ta' Ġunju, 2015 dwar tali xhieda:
>
>> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. "

Illi fl-assenza tax-xhieda tal-persuna li ghamlet l-ilment ix-xhieda tar-rapprezentant tal-VAT ma tistax titqies xejn ghajr hearsay evidence u ghalhekk inammissibbli bhala prova.

Ikkunisdrat

Illi inotlre fil-kaz in ezami ma gietx ipprezentata l-ircevuta fiskali mertu ta' dawn il-proceduti u ghalhekk il-Prosekuzzjoni naqset hawn ukoll milli tipproduci l-aqwa prova.

Ghaldawn ir-ragunijiet il-Qorti tikkunsidra li l-prosekuzzjoni ma rnexxieliex tipprova l-kaz sal-grad rikjest fil-kamp penali.

**Decide**

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat il-partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax il- Skeda tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998, Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil imputat **Reuben Sacco** mhux hati tal-akkuzi dedotti kontrih u tilliberah minn kull htijia u piena.

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**